



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 11.7.2017
COM(2017) 373 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

L-Ewwel Rieżami tal-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament ta' Infurzar

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

L-Ewwel Rieżami tal-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament ta' Infurzar

Fil-15 ta' Mejju 2014, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw ir-Regolament ta' Infurzar¹, li jipprovdli lill-Unjoni Ewropea b'qafas leġiżlattiv biex tinforza u tiddefendi d-drittijiet li tgawdi minnhom skont ftehimiet ta' kummerċ internazzjonali b'mod rapidu u effettiv u f'konformità mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat ta' Lisbona u l-obbligi internazzjonali tagħha.

Ir-Regolament ta' Infurzar jiżgura li l-Unjoni Ewropea tkun tista' tinforza u tiddefendi d-drittijiet tagħha skont ftehimiet kummerċjali internazzjonali permezz tal-adozzjoni ta' miżuri ta' politika kummerċjali:

- li jissospendu konċessjonijiet jew obbligi oħra skont il-Ftehim tad-WTO jew ftehimiet kummerċjali internazzjonali oħra, inklużi ftehimiet reġjonali jew bilaterali, wara l-aġġudikazzjoni ta' tilwim kummerċjali skont dawn il-ftehimiet; kif ukoll
- li jirribilanċjaw konċessjonijiet jew obbligi oħra, billi teżerċita d-dritt tagħha skont il-Ftehim tad-WTO dwar is-Salvagwardji jew id-dispożizzjonijiet dwar is-salvagwardji fi ftehimiet kummerċjali internazzjonali oħrajnsabiex tirreaġixxi għal miżura ta' salvagwardja applikata minn Membru tad-WTO, jew billi teżerċita d-dritt tagħha skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT li tirrispondi għal modifiki ta' konċessjonijiet applikati minn membru tad-WTO.

Ir-Regolament ta' Infurzar jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta tali miżuri tal-politika kummerċjali permezz ta' atti ta' implimentazzjoni fil-qasam tal-kummerċ ta' prodotti, billi tintroduċi jew iżżid id-dazji tad-dwana jew ir-restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-importazzjoni jew l-esportazzjoni, u fil-qasam tal-akkwist pubbliku. Ir-Regolament ta' Infurzar ma jagħtix is-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta tali miżuri tal-politika tal-kummerċ permezz ta' atti ta' implementazzjoni fil-qasam tas-servizzi jew il-proprjetà intellettuali.

Ir-Regolament ta' Infurzar jesiġi li l-Kummissjoni twettaq rieżami tal-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri ta' politika kummerċjali li hija għandha s-setgħa li tadotta

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 654/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-Unjoni għall-applikazzjoni u l-infurzar ta' regoli kummerċjali internazzjonali u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3286/94 li jistabbilixxi l-proċeduri tal-Komunità fil-qasam ta' politika kummerċjali komuni sabiex jiżgura l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-Komunità skont ir-regoli internazzjonali tal-kummerċ, b'mod partikolari dawk stabbiliti taħt l-awspiċji tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ.

permezz ta' atti ta' implimentazzjoni². Il-Kummissjoni għandha twettaq dan l-eżami f'żewġ stadji.

Mhux aktar tard minn tliet snin wara l-ewwel istanza tal-adozzjoni ta' att ta' implimentazzjoni jew mhux aktar tard mit-18 ta' Lulju 2019, skont liema jiġi l-ewwel, il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami tal-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament ta' Infurzar, partikolarment fir-rigward tal-miżuri ta' politika kummerċjali li jistgħu jiġu adottati, kif ukoll tal-implimentazzjoni tiegħu, u għandha tirrapporta s-sejbiet tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Il-Kummissjoni se twettaq dan ir-rieżami finali u tirrapporta s-sejbiet tagħha lill-koleġiżlaturi qabel l-iskadenza maqbula.

Sadanittant, sat-18 ta' Lulju 2017, il-Kummissjoni trid twettaq rieżami biex tanalizza miżuri ta' politika kummerċjali addizzjonali fil-qasam tas-servizzi; teżamina, fost l-oħrajn, ċertu numru ta' aspetti kif elenkati fl-Artikolu 10.2 tar-Regolament ta' Infurzar; u tirrapporta l-valutazzjoni inizjali tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Il-Kummissjoni wettqet dan l-eżami inizjali u l-valutazzjoni tagħha hija mniżżla hawn taħt.

Fir-rieżami inizjali tagħha tar-Regolament ta' Infurzar, il-Kummissjoni eżaminat: (i) l-iżviluppi internazzjonali fir-rigward tas-sospensjoni ta' obbligi oħra skont il-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi (GATS); (ii) l-iżviluppi fl-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-adozzjoni ta' regoli komuni dwar is-setturi tas-servizzi; (iii) l-effettività ta' miżuri ta' politika kummerċjali addizzjonali possibbli bħala mezz biex jiġu infurzati d-drittijiet tal-Unjoni skont ftehimiet kummerċjali internazzjonali; (iv) il-mekkaniżmi disponibbli sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni Prattika, b'mod uniformi u effiċjenti, ta' miżuri ta' politika kummerċjali addizzjonali possibbli rigward is-servizzi; u (v) l-implikazzjonijiet għal fornituri ta' servizzi preżenti fl-Unjoni Ewropea fil-waqt tal-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni skont dan ir-Regolament.

Abbażi tal-valutazzjoni inizjali tagħha, u għalissa, il-Kummissjoni mhijiex biħsiebha tipproponi estensjoni tal-awtorizzazzjoni skont ir-Regolament ta' Infurzar biex tadotta wkoll miżuri ta' politika kummerċjali fil-qasam tas-servizzi. Dan għaliex, sa mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament ta' Infurzar fil-15 ta' Mejju 2014, il-Kummissjoni ma osservat l-ebda żviluppi ġodda li jeħtieġu tali estensjoni tal-awtorizzazzjoni.

L-ewwel nett, il-Kummissjoni ma osservat l-ebda żviluppi ġodda fil-livell internazzjonali fir-rigward tas-sospensjoni ta' konċessjonijiet jew ta' obbligi oħra skont il-GATS. B'mod partikolari, il-Kummissjoni investigat jekk kienx hemm xi Membri tad-WTO li talbu l-awtorizzazzjoni tal-Korp għas-Soluzzjoni tat-Tilwim (Dispute Settlement Body, DSB) tad-WTO biex jieħdu kontromiżuri fil-qasam tas-servizzi. Mill-15 ta' Mejju 2014, il-Membri tad-WTO talbu l-awtorizzazzjoni tad-DSB biex jieħdu kontromiżuri f'ħames kwistjonijiet: *il-Kolombja – Tessuti*, *l-Indja – Prodotti Agrikoli*, *l-Istati Uniti – Tuna II (il-Messiku)*, *l-Istati Uniti – COOL (il-Messiku)*, u *l-Istati Uniti – COOL (il-Kanada)*. L-

² L-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Infurzar.

ebda waħda minn dawn it-talbiet għall-awtorizzazzjoni tad-DSB biex jittieħdu kontromiżuri ma ġiet ippreżentata mill-UE. L-ebda waħda minn dawn it-talbiet ma għandha x'taqsam mal-kummerè fis-servizzi taħt il-GATS.

It-tieni nett, il-Kummissjoni ma osservat l-ebda żviluppi ġodda fl-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-adozzjoni ta' regoli komuni dwar is-setturi tas-servizzi li huma kapaċi li jibdlu l-konklużjoni li, f'dan l-istadju tal-iżvilupp tal-liġi tal-Unjoni Ewropea, ikun xieraq li wieħed jiffoka fuq oqsma minbarra s-servizzi għall-finijiet tal-għoti tas-setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta miżuri tal-politika kummerċjali skont ir-Regolament tal-Infurzar.

Fis-16 ta' Mejju 2017, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tat l-Opinjoni tagħha dwar jekk l-Unjoni Ewropea tgawdix kompetenza esklussiva biex tiffirma u tikkonkludi l-ftehim ta' kummerè ħieles UE-Singapor. Il-Qorti ddikjarat li l-Unjoni Ewropea għandha kompetenza esklussiva fost l-oħrajn fuq daww il-partijiet tal-ftehim relatati mal-aċċess għas-suq fi prodotti u servizzi (inklużi s-servizzi tat-trasport kollha).

Minkejja din il-kjarifika importanti mill-Qorti, u minkejja l-adozzjoni mill-Unjoni Ewropea ta' regoli komuni dwar ċerti setturi tas-servizzi³, xorta jibqa' l-fatt li r-regoli adottati mill-Istati Membri jibqgħu japplikaw f'bosta setturi, kemm jekk armonizzati fil-livell tal-Unjoni Ewropea kif ukoll jekk le. Bħala eżempju, ċerti regoli fil-livell tal-Istati Membri għadhom jikkundizzjonaw il-provvista ta' servizzi f'ċertu settur fuq skema nazzjonali ta' awtorizzazzjoni li topera permezz ta' liċenzji, approvazzjonijiet jew konċessjonijiet. Il-koeżistenza bejn ir-regoli komuni u r-regoli u l-iskemi ta' awtorizzazzjoni tal-Istati Membri fis-setturi tas-servizzi tibqa' importanti fid-determinazzjoni ta' jekk għandux jiġi previst l-għoti tas-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta miżuri ta' politika kummerċjali fil-qasam tas-servizzi bis-saħħa tar-Regolament ta' Infurzar.

It-tielet nett, il-Kummissjoni ma osservat ebda żviluppi ġodda rigward il-limitazzjonijiet prattiċi dwar kif jistgħu jkunu miżuri prattikabbli u effettivi tal-politika kummerċjali fil-qasam tas-servizzi, minħabba l-karatteristiċi inerenti li jikkarakterizzaw il-provvista ta' servizzi, inkluża l-infurzabilità tar-restrizzjoni tal-provvista tagħhom. Ma kien hemm ukoll l-ebda żviluppi ġodda li jikkonċernaw il-kundizzjonijiet – b'mod partikolari l-qafas legali skont it-TFUE – li huma rilevanti għas-sitwazzjoni ta' fornituri tas-servizzi preżenti fl-Unjoni, fil-każ li l-atti ta' implimentazzjoni jiġu applikati fir-rigward tagħhom.

³ Fl-24 ta' Ġunju 2015, pereżempju, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni 2015/983, li jipprovdi regoli dwar il-proċedura għall-ħruġ tal-Karta Professjonali Ewropea, u dwar l-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' twissija skont id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. B'riżultat ta' dan, minn Jannar 2016, il-Karta Professjonali Ewropea hija disponibbli għal għadd ta' professjonijiet bħal pereżempju l-infermiera, l-ispiżjara, il-fiżjoterapisti, il-gwidi tal-muntanji u l-aġenti tal-proprjetà immobbli.

Bħala konklużjoni, il-valutazzjoni inizjali tal-Kummissjoni indikat li, minn mindu daħal fis-seħħ ir-Regolament ta' Infurzar, u għalissa, ma hemm l-ebda żvilupp internazzjonali, Ewropew jew sostantiv li jista' jiġġustifika bidla f'approċċ li jipprevedi espansjoni tas-setgħa tal-Kummissjoni li tadotta miżuri addizzjonali ta' politika kummerċjali fil-qasam tas-servizzi bis-saħħa tar-Regolament ta' Infurzar.

Minkejja dan, il-Kummissjoni se tkompli tissorvelja kull żvilupp rilevanti sabiex tkun f'pożizzjoni li tirrevedi l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament ta' Infurzar u tirrapporta s-sejbiet tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sat-18 ta' Lulju 2019, ukoll fid-dawl tal-esperjenza tagħha fit-tfassil u l-applikazzjoni ta' miżuri ta' politika kummerċjali li jissospendu jew jirribilanċjaw konċessjonijiet jew obbligi oħra skont ftehimiet kummerċjali internazzjonali.

Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza l-importanza li qed tiżdied tas-servizzi fl-ekonomija tal-lum. Is-servizzi qed jiġu nneozjati dejjem aktar lil hinn mill-fruntieri u huma marbutin mill-qrib mal-manifattura, il-kummerċ u l-investment tradizzjonali. Din hija r-raġuni għaliex l-għadd ta' tilwimiet fid-WTO fil-qasam tas-servizzi qed jiżdied. It-teħid ta' kontromiżuri fil-qasam tas-servizzi jibqa' possibbiltà.

Il-Kummissjoni tixtieq ukoll tikkonferma mill-ġdid li l-politika kummerċjali tal-UE għandha ssaħħaħ il-pożizzjoni tal-Ewropa fil-ktajjen ta' provvista globali billi tappoġġa l-firxa sħiħa ta' attivitajiet ekonomiċi li permezz tagħhom il-kumpaniji Ewropej joħolqu u jbigħu l-valur, fosthom is-servizzi. Huwa għalhekk li l-Unjoni Ewropea wettqet rwol ċentrali fin-negozjati dwar il-Ftehim dwar il-Kummerċ fis-Servizzi u ftehimiet kummerċjali internazzjonali, bis-servizzi bħala komponent importanti.

Il-Kummissjoni tixtieq tinnota f'dan ir-rigward li, jekk jirriżulta li jkun neċessarju għall-Unjoni Ewropea li tirrikorri għal miżuri ta' politika kummerċjali mhux koperti mir-Regolament ta' Infurzar, inkluż fil-qasam tal-kummerċ fis-servizzi, il-Kummissjoni tista' tagħmel proposti għal att leġislattiv fuq il-bażi tal-Artikolu 207 tat-TFUE jew tirrikorri għal proċeduri applikabbli oħra.